**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' April, 2018**

**Talba numru 227/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 32**

**Anthony Borg (K.I. 11486M)**
**18, Triq Gafa,**
**Mosta**

**Vs**

**Maria Dolores Fenech**
**33, Oakwood Flat 1,**
**Triq il-Kurat Schembri,**
**Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' April, 2017 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenuta s-somma ta' elfejn u sittax-il ewro u tletin

centezmu (€2,016.30) bilanc ta' somma akbar dovuta ghal hlas ta' konsum ta' dawl u ilma tal-fond mikri lil konvenuta u li jinsab 'Three Kangaroos' Flat 3, Triq Salvu Aquilina, Mosta.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta rrifjutat li tircevi dawn l-atti fl-indirizz moghti fl-istess avviz liema indirizz jirrizulta mill-estratt tar-Registru Elettorali a fol 23 li l-konvenuta effettivament tirrisjedi fl-indirizz fejn hija rrifjutat l-Avviz tat-Talba.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ordna li l-konvenuta ghandha titqies bhala debitament notifikata fit-03 ta' Lulju, 2017 bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta d-data meta hija rrifjutat l-atti u dan kif dejjem gie ritenut mil-Qrati taghna fosthom fil-kawza deciza fl-20 ta' Frar, 2003 fl-ismijiet: **Joseph Pace vs Makaw Limited** (Cit Nru: 187/2001/1) Prim Awla tal-Qorti Civili per JRM.

Ra li l-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset milli tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema' lill-attur jikkonferma li l-ammont ghadu dovut issib li t-talba tal-attur tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant jordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u sittax il-ewro u tletin centezmu (€2,016.30c) bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 2386/16 jew mis-07 ta' Lulju, 2017 skont il-kaz.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2386/16 a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**